



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.1.2014
COM(2014) 21 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa

{SWD(2014) 19 final}
{SWD(2014) 20 final}

Introduzzjoni

Iż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija huma ta' tħassib politiku ewlieni. Dawn joħlqu piżijiet ta' kostijiet addizzjonali fuq l-unitajiet domestiċi u l-industrija li jinsabu diġa maghfusa¹, u jaffettwaw il-kompetittività globali tal-Ewropa. Il-Kummissjoni Ewropea, bi tweġiba għal talba tal-Kunsill Ewropew, ħejjiet analiżi fil-fond dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa, biex tgħin lil min ifassal il-politika jifhem il-kuntest tal-isfond, l-impatt fuq il-konsumaturi taż-żidiet riċenti fil-prezzijiet u l-implikazzjonijiet politiċi.

Ir-rapport jipprovdi dejta estensiva u ddettaljata meħuda minn firxa wiesgħa ta' sorsi. Ir-rapport jivvaluta x-xejriet fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet tal-enerġija, u jesplora x'seta' kien li kkawżahom, filwaqt li jislet konklużjonijiet li jgħinu jiggwidaw id-deċiżjonijiet dwar il-miżuri ta' politika meħtieġa biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata². Dan ir-rapport huwa meħmuż ma' din il-Komunikazzjoni³.

Il-fokus tar-rapport huwa l-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass. Fis-swieq globali taż-żejt u tal-faħam, il-konsumaturi tal-enerġija madwar id-dinja jħallsu bejn wieħed u ieħor l-istess prezz. B'hekk id-differenzi fil-prezz — li jistgħu jżidu l-kostijiet għall-konsumaturi u jiġġeneraw vantaġġi jew żvantaġġi kompetittivi — mhumieq daqshekk ta' tħassib. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ karburanti u s-settur tat-trasport mhumieq koperti b'mod estensiv fir-rapport.

Il-prezzijiet tal-prodotti tal-enerġija, partikolarment tal-karburanti fossili, żdiedu f'dawn l-aħħar snin. Li qed jogħlew il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija mhijiex xi ħaġa ġdida. Għal sekli sħaħ, l-Ewropa iffaċċjat taħbit kontinwu għal enerġija adegwata u affordabbli. Id-differenza llum hija li s-settur tal-enerġija tal-Ewropa għaddej minn ċaqliqa kbira lil hinn mill-karburanti fossili importati, u jeħtieġ livelli għoljin ta' investiment, anki fi żmien ta' inċertezza ekonomika. Barra minn hekk, id-differenza bejn il-prezzijiet tal-enerġija bejn l-UE u l-imsieħba ekonomiċi ewlenin twessgħet għal għadd ta' raġunijiet, li ħafna minnhom l-Ewropa m'għandha l-ebda influwenza fuqhom. Azzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku wasslu għal tkabbir qawwi fl-enerġija mir-riħ u mix-xemx b'mod partikolari, li kellu impatt maġġuri fuq il-grilji u l-kostijiet tal-produzzjoni tal-enerġija. Provvisti tal-gass alternattivi, bħall-gass tax-shale jew il-gass tal-Kaspju, qed jiġu żviluppati wkoll, u jeħtieġu aktar investiment. Fl-istess ħin, is-setturi Ewropej tal-gass u tal-elettrikuqegħdin jaqilbu minn monopolji pubbliċi għal swieq liberalizzati magħmula minn kumpaniji privati kompetittivi, fejn huma l-utenti, aktar milli dawk li jħallsu t-taxxi, li jħallsu l-kostijiet ta' investimenti ġodda tal-enerġija.

Hemm modi differenti kif jista' jiġi interpretat u antiċipat l-impatt li dawn il-bidliet kollha għandhom fuq xulxin. Il-liberalizzazzjoni tas-suq mistennija li twassal għal aktar kompetizzjoni u għalhekk għal enerġija orħos u aktar effiċjenti. Il-politika ambjentali u tal-klima u d-dekarbonizzazzjoni huma mfassla biex jiżguraw settur enerġetiku sostenibbli fit-tul, b'kostijiet oġġla rikonoxxuti fi żmien qasir, b'mod partikolari mill-investiment. Il-gvernijiet jistennew li dawn il-bidliet iwasslu għal benefiċċji lill-konsumaturi fuq żmien qasir, bħall-ħolqien ta' impjiegi u titjib fil-kwalità tal-ħajja, kif ukoll għall-miri ta' sostenibbiltà iktar fit-tul. L-industrija tal-enerġija nnifisha għandha bżonn tadatta għal normi

¹ L-“industrija” u d-dejta dwar l-industrija fir-rapport ikopru b'mod wiesa' l-attività kummerċjali u mhux biss is-setturi tal-manifattura jew tal-industrija peżanti.

² EUCO 75/1/13 REV 1, it-23 ta' Mejju 2013

³ Il-ġbir ta' dejta kompluta u konsistenti fis-settur tal-enerġija hija sfida u tillimita l-isforzi analitiċi biex tiġi vvalutata l-qagħda u l-impatti tal-politika. Id-dejta ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni u fir-rapport li jakkumpanjahha fiha l-aktar dejta konsistenti u riċenti disponibbli minn kull parti tal-UE.

ambjentali, kummerċjali, regolatorji u teknoloġiċi differenti ħafna. Dak li ma kienx mistenni kien li l-fiduċja ekonomika tiegħu daqqa ta' ħarta tant kbira u li damet daqstant batuta għal żmien twil.

Sabiex jiġi żgurat li l-Ewropa tkun tista' tiġġestixxi dawn il-bidliet kollha, filwaqt li tkompli tiżgura li ċ-ċittadini tagħha jkollhom aċċess għal enerġija sostenibbli u affordabbli u żżomm il-kompetittività industrijali, huma meħtieġa kemm sforzi fuq il-livelli politiċi Ewropej u nazzjonali, kif ukoll azzjonijiet min-naħa tal-industrija u minn konsumaturi individwali.


Biex wieħed jifhem liema miżuri se jkunu l-iktar effettivi, it-taqsimiet li ġejjin jagħtu ħarsa lejn kif il-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet qed jevolvu, u x'inhu dak li qed jixpruna dawn il-bidliet. Sussegwentement, qed jiġu kkunsidrati l-impatt fuq il-kompetittività globali tal-UE u x-xejriet futuri tal-prezzijiet u l-kostijiet.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tipproponi għadd ta' linji ta' azzjoni bil-għan li jiġi żgurat li ċ-ċittadini u l-industrija Ewropej ikunu jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfida tal-prezzijiet tal-enerġija, u li l-UE tkun tista' żżomm il-kompetittività tagħha, illum, sal-2030 u lil hinn.

Fiex jikkonsisti l-kont tal-enerġija tagħna?

Bħala daħla għall-analiżi ekonomika li tingħata aktar 'l isfel, huwa importanti li wieħed jifhem xi jkun qed jifisser meta wieħed jitkellem dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija. Il-kontijiet tal-enerġija tagħna jikkonsistu parzjalment mill-kwantità ta' enerġija li nikkunsmaw — għalhekk il-kostijiet tal-enerġija jistgħu jitnaqqsu billi jintużaw prodotti li huma iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew Prattiki oħra li jiffrankaw l-enerġija. Iżda l-element tal-*prezz* tal-kontijiet tal-enerġija ħafna drabi jitqies bħala iktar kritiku u diffiċli biex wieħed jifhmu. Il-prezz li l-konsumaturi jħallsu għall-elettriku u l-gass jirrifletti diversi elementi, influwenzati kemm mill-forzi tas-suq kif ukoll mill-politika governattiva.

L-element tal-enerġija fil-kont jikkonsisti minn żewġ partijiet. L-ewwel nett, l-element tal-prezzijiet għall-operatur. Dan normalment jirrifletti l-kostijiet li jsiru minn kumpaniji fit-twassil tal-enerġija lill-grilja. Dawn jinkludu x-xiri jew il-produzzjoni u t-tbaħħir u l-ipproċessar tal-karburanti, kif ukoll il-kostijiet tal-kostruzzjoni, it-tħaddim u ż-żarmar tal-impjanti tal-enerġija. It-tieni nett, l-element fil-livell tal-konsum ikopri l-kostijiet relatati mal-bejgħ tal-enerġija lill-konsumaturi finali. Il-kostijiet tan-netwerk jirriflettu l-infrastruttura għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-kostijiet relatati mal-manutenzjoni u l-espansjoni tal-grilji, mas-servizzi tas-sistema u mat-telf tan-netwerks. L-imposti huma ta' spiss miżjuda biex it-tariffi tan-netwerk ikopru kostijiet oħra bħal dawk relatati ma' obbligi ta' servizz pubbliku u l-appoġġ għat-teknoloġija. Fl-aħħar nett, jiġu applikati t-taxxi u l-imposti; dawn jistgħu jkunu parti minn tassazzjoni ġenerali (il-VAT, id-dazji tas-sisa) jew imposti speċifiċi li jappoġġjaw politiki dwar l-enerġija u/jew il-klima mmirati.



1. Il-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa

Fis-swieq tal-gass u tal-elettriku, minkejja li hemm ċertu livell ta' negozjabbiltà globali tal-karburanti u t-tagħmir (bħall-bastimenti LNG, it-turbini tar-riħ, eċċ.), l-aħjar li wieħed jista' jistenna huma prezzijiet reġjonali, u aktar ta' spiss prezzijiet nazzjonali jew subnazzjonali, li jaffettwaw il-kostijiet u l-prezzijiet għall-konsumaturi u jistgħu jipperikolaw is-suq uniku.

Il-prezzijiet tal-elettriku u l-gass għall-konsumaturi Ewropej⁴ għolew u għadhom qed jogħlew. Filwaqt li fi kważi l-Istati Membri kollha l-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass baqgħu telgħin b'mod konsistenti, id-differenzi bejn il-prezzijiet differenti nazzjonali baqgħu kbar: il-konsumaturi fl-Istati Membri bl-ogħla prezzijiet qed iħallu darbtejn u nofs jew erba' darbiet iktar minn dawk l-Istati Membri bl-irħas prezzijiet⁵. Id-differenza bejn l-ogħla u l-anqas prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi tal-elettriku u tal-gass madwar l-Istati Membri kibret matul iż-żmien, speċjalment fil-każ ta' prezzijiet tal-gass għall-unitajiet domestiċi. B'hekk, iktar pjuttost qed jippersistu d-differenzi fil-livell nazzjonali milli jikkonverġu l-prezzijiet Ewropej u s-swieq jsiru aktar effiċjenti.


L-evoluzzjoni tal-prezzijiet għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi

⁴ Il-prezzijiet industrijali rrapportati skont id-Direttiva 2008/92/KE fir-rigward tal-ġbir tad-dejta tal-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass industrijali, li jistgħu jinkludu utent ieħor mhux residenzjali. Fil-każ tal-gass jitqiesu l-użi industrijali kollha tal-gass. Madankollu, is-sistema teskludi dawk il-konsumaturi li jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku f'impjanti tal-enerġija jew f'impjanti CHP, f'użi mhux enerġetiċi (pereżempju, fl-industrija tal-kimika), u ta' aktar minn 4 000 000 GJ fis-sena.

⁵ Il-proporzjon huwa simili għall-prodotti kollha tal-enerġija (elettriku jew gass); it-tipi ta' konsumatur (domestiċi jew industrijali), il-faxex ta' konsumaturi (konsumaturi żgħar, medji jew kbar), il-perjodi ta' żmien (2008-2012) u l-unitajiet monetarji (Euro, muniti nazzjonali jew standards tal-poter tal-akkwist). Għal dan l-aħħar element, il-proporzjon ma jinbidilx b'mod sinifikanti, iżda l-klassifikazzjoni ta' Stati Membri differenti jinbidel b'mod sinifikanti: pajjiż bi prezz nominali baxx jista' jispiċċa bi prezz ogħla komparattivament fit-termini tal-iSPA.

FI-UE, bħala medja, il-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi żdiedu b'4 % fis-sena matul dawn l-aħħar ħames snin (2008-2012)⁶. F'ħafna Stati Membri, din hija żieda 'l fuq mill-inflazzjoni. Fir-rigward tal-gass, il-prezzijiet għall-unitajiet domestiċi żdiedu bi 3 % fis-sena, għal darb'oħra 'l fuq mill-inflazzjoni għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, wara dawn il-medji jeżistu differenzi nazzjonali sinifikanti fil-mod ta' kif inbidlu l-prezzijiet matul iż-żmien:


Il-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi (€/kWh inkl. taxxi)



Sors: L-istatistika tal-enerġija mill-Eurostat

⁶ Dan il-perjodu ta' żmien huwa użat b'mod estensiv tul ir-rapport minħabba li l-metodoloġija tad-dejta dwar il-prezzijiet tal-enerġija għall-konsumaturi tal-Eurostat inbidlet b'mod konsiderevoli f'dan il-punt, u mhix konsistenti ma' dejta aktar bikrija jew kompluta għall-Istati Membri kollha.

Il-prezzijiet tal-gass naturali għall-unitajiet domestiċi (€/kWh inkl. taxxi)




Sors: L-istatistika dwar l-enerġija mill-Eurostat

L-evoluzzjoni tal-prezzijiet għall-konsumaturi industrijali


Fir-rigward tal-industria, il-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi telgħu b'madwar 3,5 % fis-sena fl-istess perjodu — 'il fuq mill-inflazzjoni għal nofs l-Istati Membri; u l-prezzijiet tal-gass telgħu b'inqas minn 1 % fis-sena matul l-istess perjodu - taħt l-inflazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

Il-prezzijiet tal-elettriku għall-użu industrijali (€/kWh exkl. VAT u taxxi li jistgħu jiġu rekuperati iżda wkoll kwalunkwe eżenzjonijiet)



Sors: L-istatistika tal-enerġija mill-Eurostat

Il-prezzijiet tal-gas għall-użu industrijali (€/kWh exkl. VAT u taxxi li jistgħu jiġu rekuperati iżda wkoll kwalunkwe eżenzjonijiet)



Sors: L-istatistika dwar l-enerġija mill-Eurostat

Il-prezzijiet għall-operatur

B'kuntrast ma' dawn l-iżviluppi għall-konsumaturi, fil-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2012 il-prezzijiet tal-elettriku għall-operaturi naqsu b'bejn 35 % u 45 % fuq il-parametri referenzjarji prinċipali Ewropej tal-elettriku fil-livell tal-operaturi. Il-prezzijiet tal-gass għall-operaturi varjaw; l-ewwel niżlu sew u mbagħad marru lura għall-livelli ta' qabel, għalhekk ma kienet evidenti l-ebda żieda fil-prezzijiet tul il-perjodu kollu.

Analiżi tal-prezzijiet skont il-komponent


Dawn iż-żidiet fil-prezzijiet *medji Ewropej* jaħbu varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri, bejn id-diversi industrij u tul iż-żmien. Xi setturi kellhom volatilità tal-prezzijiet ferm akbar, eż. iż-żidiet nazzjonali fil-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi jvarjaw minn -2 % għal + 47 %; filwaqt li l-prezzijiet medji tal-gass industrijali tal-UE żdiedu b'inqas minn 1 % fis-sena fil-perjodu 2008-2012, ċerti industrij intensivi fl-enerġija rrappurtaw żidiet fil-prezzijiet tal-gass ta' bejn 27 % u 40 % fil-perjodu 2010-2012. Ir-rapport li jakkompanja din il-Komunikazzjoni jesplora dawn id-differenzi, speċjalment bejn setturi industrijali, u jenfasizza li l-prezzijiet u l-impatti tal-politiki huma differenti għal utenti differenti. Sabiex wieħed jifhem aħjar ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-enerġija u l-politika tal-enerġija, huwa utli li l-prezzijiet jiġu ddiżaggregati fid-diversi elementi tagħhom:

L-evoluzzjoni tal-prezz tal-elettriku għall-konsumatur skont il-komponent

Is-sehem relattiv tal-element tal-enerġija fil-prezz tal-elettriku għall-konsumatur b'mod ġenerali naqas tul iż-żmien. Dan għaliex mill-2008 huwa l-komponent tal-imposti/taxxi li kellu l-akbar żieda⁷, u huma l-elementi tal-kostijiet tal-enerġija li kellhom l-iċken żieda. Mill-2008, il-kostijiet tan-netwerk tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi żdiedu bi 18,5 % u 30 % għall-konsumaturi industrijali; it-taxxi u l-imposti żdiedu b'36 % għall-unitajiet domestiċi u b'127 % għall-industrija, qabel l-eżenzjonijiet. Filwaqt li mhijiex disponibbli dejta nazzjonali konsistenti dwar l-eżenzjonijiet, għadd ta' Stati Membri jipprovdu eżenzjonijiet sinifikanti fuq l-imposti u t-taxxi għal ċerti industrij intensivi fl-enerġija, li jnaqqsu sostanzjalment iż-żidiet fil-prezzijiet tat-taxxi u tal-imposti.

⁷ Għall-użi tal-unitajiet domestiċi industrijali (+ 36.5 % u + 127 %) għall-prezz medju pponderat tal-enerġija elettrika tal-UE. Fir-rigward tal-industrija, din il-bidla perċentwali teskludi l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati. Din il-perċentwali ma tqisx l-eżenzjonijiet għall-industrija.

L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku skont il-komponent 2008-1012




Sors: Eurostat. Tinkludi t-taxxi fil-każ tal-unitajiet domestiċi; teskludi l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati fil-każ tal-industrija, iżda eżenzjonijiet oħra tal-industrija mhumiex inklużi (mhux disponibbli).

L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass għall-konsumatur skont il-komponent

Mill-2008, fil-każ ta' prezzijiet għall-konsumaturi tal-gass naturali, il-komponent tal-enerġija baqa' stabbli wkoll, filwaqt li fuq medja għall-UE, il-komponent tan-netwerk tela' b'17% għall-unitajiet domestiċi u b'14% għall-industrija; it-tassazzjoni telgħet b'bejn 12% u 14% għall-unitajiet domestiċi u bi 12% għall-industrija.

L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass skont il-komponent 2008-2012



Sors: KE, Metadejta tal-Istati Membri. Tinkludi t-taxxi fil-każ ta' unitajiet domestiċi; teskludi l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati fil-każ tal-industrija.

Fatturi li jinfluwenzaw il-komponent tal-enerġija fil-prezzijiet

Mit-tliet elementi tal-prezzijiet tal-enerġija (enerġija, il-kostijiet tan-netwerk u t-taxxi u l-imposti), l-element tal-kost tal-enerġija huwa ġeneralment l-akbar, għalkemm is-sehem tiegħu qiegħed jonqos. Kif imsemmi hawn fuq, b'kuntrast mal-element tal-enerġija fil-prezz għall-konsumatur, kien hemm konverġenza u tnaqqis fil-prezzijiet għall-*operatori*. Dan jista' jintrabat mal-politiki tal-enerġija tal-UE: iż-żieda fil-kompetizzjoni wara l-akkoppjament tas-swieq, id-diżakkoppjament tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-operazzjoni tas-sistema, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-karbonju tal-ETS tal-UE⁸ u t-tkabbir tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija b'kostijiet operatorji baxxi (bħall-enerġija mir-riħ u mix-xemx, minbarra l-enerġija nukleari u idroelettrika diġà eżistenti).

Madankollu, it-tnaqqis tal-prezzijiet għall-*operatori* ma wassalx għal tnaqqis fl-element tal-enerġija tal-prezzijiet għall-konsumatur, anke jekk din hija l-parti tal-kont tal-enerġija li l-fornituri tal-enerġija għandhom ikunu kapaċi li jikkompetu għaliha. Ir-riżultat jista' jimplika li l-kompetizzjoni fil-prezzijiet

⁸ Il-prezzijiet tal-karbonju jikkostitwixxu parti mill-prezz għall-*operatori* u naqsu minn 14-29 €/t fl-2008 għal 6-9 €/t fl-2012. Mhuwiex ċar, madankollu, sa liema punt dan it-tnaqqis fil-prezz qed jingħadda lill-prezz tal-*operator*, jew kemm huwa rilevanti, fid-dawl tal-effett tal-ordni tal-mertu tat-teknoloġiji b'kostijiet operatorji baxxi.

f'għadd ta' swieq għall-konsumaturi hija dgħajfa, u tippermetti li l-fornituri jevitaw li jgħaddu t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-operaturi lill-konsumaturi⁹.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet għall-operaturi u dawk għall-konsumaturi tista' tiddgħajfef minn livelli għolja ta' konċentrazzjoni tas-suq. Barra minn hekk, ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur universali applikata f'xi Stati Membri għandha t-tendenza li tkun ta' detriment għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-konsumatur, billi tiskoraġġixxi l-kompetituri milli jidħlu fis-suq u jinvestu fih. Tista' għalhekk tikkontribwixxi biex tnaqqas ir-rispons tal-prezzijiet għall-konsumaturi¹⁰. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jesploraw miżuri oħra ta' politika biex jindirizzaw it-tħassib għall-unitajiet domestiċi jew l-industriji vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jesploraw miżuri bħal dawn.

Fis-suq tal-gass, minbarra l-konċentrazzjoni tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet, ħafna drabi għad hemm restrizzjonijiet fuq il-provvista (minħabba għadd żgħir ta' fornituri u kompetizzjoni) u l-prezzijiet tal-gass ta' spiss għadhom indikjati mal-prezzijiet taż-żejt¹¹. Din il-prattika tneħħi l-konnessjoni bejn il-prezzijiet tal-gass għall-operaturi u l-provvista u d-domanda reali għall-gass, u b'hekk jitrażżnu l-fornituri tal-enerġija milli jirrispondu b'mod flessibbli għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq jew milli jgħaddu l-kostijiet reali lill-konsumaturi. F'dawn il-każijiet, iż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt fis-snin riċenti kkontribwiet direttament għal żieda fil-prezzijiet tal-gass għal ċerti swieq limitati, għad-detriment tal-konsumaturi u l-industrija f'dawk ir-reġjuni.

Fatturi li jinfluwenzaw il-komponent tat-taxxi/imposti fil-prezzijiet

Fi ħdan dan l-element huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-miżuri fiskali ġenerali tal-enerġija u l-kostijiet relatati mas-sistema tal-enerġija ffinanzjati mill-imposti. It-taxxi u l-imposti għall-iffinanzjar ta' politiki dwar l-enerġija u l-klima huma ġeneralment l-iżgħar element fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, iżda l-imposti b'mod partikolari żdiedu b'mod sinifikanti aktar minn oħrajn. Dan l-element laħaq mal-kwota tal-kostijiet tan-netwerk jew issuperaha, u issa jikkostitwixxi l-akbar parti tal-prezz tal-elettriku tal-unità domestika fi tliet Stati Membri, filwaqt li f'xi oħrajn għadu marġinali. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tassazzjoni u l-imposti jiffinanzjaw miżuri ta' politika tal-enerġija u tal-klima, fost oħrajn, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Tabilħaqq il-kostijiet tal-enerġija rinnovabbli miżjuda mal-prezzijiet għall-konsumaturi jikkostitwixxu 6 % tal-prezz medju tal-elettriku għall-konsumaturi tal-UE¹² u madwar 8 % tal-prezz tal-elettriku

⁹ Il-kombinazzjoni tad-domanda dgħajfa u d-dinamiċi tal-prezzijiet tal-enerġija għall-operaturi (stabbi jew li waqgħu meta l-prezzijiet tal-idrokarburji kienu telgħin) qiegħdet pressjoni fuq l-assi ta' ġenerazzjoni konvenzjonali. F'ħafna każijiet kemm il-marġini ta' qligħ mill-ġenerazzjoni tan-negożju kif ukoll il-prezzijiet tal-ishma tal-kumpaniji ġew affettwati b'mod negattiv, u kien iktar diffiċli li wieħed jikseb aċċess għall-finanzi. Bħala regola, jinhitiegħ li l-utilitajiet tal-UE jadattaw ruħhom għal dan l-ambjent ta' negożju ġdid, u dan għamlu billi kkonċentraw aktar fuq is-servizzi downstream, fost oħrajn, il-ġenerazzjoni deċentralizzata u l-effiċjenza enerġetika, u billi nehew gradwalment l-assi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija konvenzjonali tagħhom.

¹⁰ Fis-swieq liberalizzati, id-dħul aktar faċli fis-suq iżid il-kompetizzjoni, li min-naħa tagħha għandha żżid l-inċentivi biex jitnaqqsu l-kostijiet u jingħaddew prezzijiet orħos lill-konsumaturi. Dan jidher fil-prezzijiet iktar baxxi għall-konsumaturi tal-elettriku industrijali fir-Renju Unit, il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi.

¹¹ Fl-2012, 51 % tal-konsum tal-gass fl-Ewropa kien għadu jiddependi fuq l-indiċjar taż-żejt, għall-kuntrarju ta' 44 % li kien pprezzat fuq il-bażi ta' kompetizzjoni interna fis-settur tal-gass (l-istħarriġ annwali tal-IGU, 2012). Il-kwota tal-volumi pprezzati fuq il-bażi ta' kompetizzjoni interna fis-settur tal-gass żdiedet b'fattur ta' tlieta (3) mill-2005, iżda għad hemm differenzi reġjonali qawwija fil-mekkaniżmi ta' formulazzjoni tal-prezzijiet għall-operaturi b'madwar 70 % tal-gass fl-Ewropa tal-Majjistral (ir-Renju Unit, l-Irlanda, Franza, il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Ġermanja, id-Danimarka) li jiġi pprezzat fuq il-bażi msemmija iktar 'l fuq fl-2012, meta mqabbel ma' inqas minn 40 % fl-Ewropa Ċentrali (l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Isvizzera). L-importazzjonijiet kollha tal-gass ta' wħud mill-Istati Membri jiddependu fuq l-indiċjar taż-żejt.

¹² It-taxxi u l-imposti tal-enerġija rinnovabbli bħala sehem mill-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi ivarjaw minn inqas minn 1 % sa 15.5 % fi Spanja u 16 % fil-Ġermanja. Is-schem qed jiżdied minħabba li ż-żieda fil-kwoti tal-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis konsiderevoli fil-prezzijiet tal-operaturi (li jżidu d-differenza bejn il-prezzijiet tal-operaturi u l-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli). Madankollu meta l-effett tal-ordni tal-mertu (l-enerġija mill-ilma, mir-riħ u mix-xemx li jbxaxx l-prezzijiet għall-konsumaturi) jitqies ukoll, l-effett nett fuq il-prezzijiet tal-enerġija rinnovabbli għall-konsumaturi jista' jkun li l-prezzijiet jitnaqqsu, mhux jogħlew. Dan jidher li huwa l-każ fi Spanja u fl-Irlanda iżda mhux fil-Ġermanja. (Ara l-Anness mar-Rapport). It-tnaqqis fil-prezzijiet għall-operaturi għandu jgħaddi lil konsumaturi finali fil-forma ta' kostijiet aktar baxxi tal-komponent tal-provvista tal-enerġija.

industrijali qabel ma jitqiesu l-eżenzjonijiet. Hawnhekk ukoll, hemm firxa wiesgħa ta' kostijiet, bil-kwoti Spanjoli u Ġermaniżi li jilhq 15.5 % u 16 % tal-prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi, b'kuntrast ma' anqas minn 1 % fl-Irlanda, il-Polonja u l-Iżvezja.

Filwaqt li xi politiki nazzjonali fl-enerġija u l-klima huma ffinanzjati permezz ta' imposti, il-kostijiet tal-ETS tal-UE huma riflessi fl-element tal-livell tal-operaturi tal-prezzijiet tal-enerġija. L-imposti *nazzjonali*, kulfejn jiġu applikati fil-katina, jibdlu l-prezzijiet u għalhekk jikkawżaw xi differenzi bejn is-swieq nazzjonali differenti. Sabiex jiġu minimizzati dawn id-distorsjonijiet, huwa importanti li l-interventi tal-gvern fis-settur tal-enerġija (il-finanzjament ta' infrastruttura jew ta' ġenerazzjoni eż. l-enerġija rinnovabbli, il-kostijiet nukleari, jew il-kapaċità flessibbli tal-karburanti fossili) ikunu kosteffettivi kemm jista' jkun¹³.

Il-Qafas Ewropew dwar it-**tassazzjoni fuq l-enerġija** ma jipprevedix armonizzazzjoni sħiħa, għalhekk l-Istati Membri jistgħu jibdlu t-taxxi u r-rati tat-taxxa tagħhom b'mod individwali, li jmur lil hinn mill-elementi ewlenin jew mil-livelli minimi li jinsabu fil-liġi tal-UE¹⁴. Għal darb'oħra, jekk nieħdu l-użu tal-elettriku bħala eżempju, id-differenzi nazzjonali kbar huma evidenti fil-kwoti relattivi u fil-valuri assoluti tal-komponent tat-taxxi u tal-imposti fil-prezzijiet tal-enerġija muri hawn fuq. L-Istati Membri jużaw t-taxxi u l-imposti għal varjetà wiesgħa ta' għanijiet, li fosthom insibu ż-żieda fid-dħul ġenerali (pereżempju għas-saħħa u l-edukazzjoni), iżda wkoll l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni tal-produzzjoni u tal-konsum tal-enerġija u l-finanzjament ta' politiki speċifiċi tal-enerġija bħall-politiki tal-klima u tal-enerġija jew l-aġġustament settorjali tal-karburanti fossili.

Id-dejta dwar l-eżenzjonijiet fiskali u sussidji oħra offruti mill-Istati Membri, partikolarment għall-industriji b'użu intensiv tal-enerġija, bħalissa la hi regolari u lanqas mhi konsistenti¹⁵. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qed tħejji studju fil-fond sabiex tiġbor dejta konsistenti u kompluta dwar il-kostijiet kollha għad-diversi teknoloġiji fis-settur tal-elettriku u s-sussidji sħaħ għalihom.

Fatturi li jinfluenzaw il-komponent tan-network fil-prezzijiet


Is-sehem relattiv tal-kostijiet tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, kif ukoll il-livelli assoluti, ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri, għal raġunijiet li mhux dejjem faċli li wieħed jifhimhom; id-dejta dwar il-fatturi li jinfluwenzaw dawn il-proporzjonijiet u l-evoluzzjoni tagħhom hija skarsa, b'mod partikolari għall-gass. Dan li ġej għalhekk jirrelata għall-elettriku biss.

¹³ Ara l-Komunikazzjoni C(2013) 7243 Delivering the internal electricity market and making the most of public intervention

¹⁴ Ara d-Direttiva 2003/96/KE.

¹⁵ Ara t-Taqsima 1.1.1.3 tar-rapport assoċjat għad-dettalji.

Kostijiet stmati għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni: sehem relattiv



Nota: Ċerti Stati Membri jżidu dawg il-kostijiet li m'għandhomx x'jaqsmu man-netwerk mal-kostijiet tan-netwerk; distinzjoni li ma tidhirx f'din id-dejta.

Mill-2008, il-kostijiet tan-netwerk tal-**elettriku** telgħu bi 30 % u 18,5 % għall-konsumaturi industrijali u domestiċi rispettivament. Huwa mistenni li ż-żieda kontinwa fil-kostijiet tan-netwerks, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi, se sseħħ ukoll fil-kuntest ta' trasformazzjoni fis-settur tal-enerġija, iżda dawn il-kostijiet jistgħu jittaffew permezz ta' governanza aħjar tan-netwerk.

B'valuri assoluti li jvarjaw minn 2€/kWh sa 7€/kWh¹⁶, huwa ċar li dawn il-kostijiet jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet totali tal-elettriku u għalhekk ukoll fuq id-differenzi fil-prezzijiet totali tal-enerġija fost l-Istati Membri kollha u fir-rispett tal-imsieħba kummerċjali. Differenzi bħal dawn huma wkoll parzjalment dovuti għall-prattiki nazzjonali differenti hafla fir-rigward tar-regolazzjoni tat-tariffi tan-netwerk u l-prattiki tal-allokkazzjoni tal-kostijiet, kif ukoll għad-differenzi fiżiċi fin-netwerks u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħhom.

2. Il-kost tal-enerġija fl-Ewropa


Filwaqt li l-livelli tal-prezzijiet tal-enerġija jirċievu aktar attenzjoni, il-*kostijiet* tal-enerġija huma fil-prattika aktar importanti għall-unitajiet domestiċi u għall-industrija, peress li jirriflettu l-kontijiet reali mħallsa. Iż-żidiet fil-prezzijiet, sa ċertu punt jistgħu jiġu kkompensati minn żidiet fl-effiċjenza enerġetika u minn tnaqqis fil-konsum, bħal pereżempju permezz ta' użu iktar effiċjenti tal-enerġija fil-każ ta' proċessi, prodotti jew unitajiet domestiċi jew permezz tat-tnaqqis fl-intensità enerġetika settorjali jew f'dik tal-industrija kollha. Madankollu, it-tnaqqis fil-prezzijiet jista' jingħeleb ukoll minn żieda fil-konsum, pereżempju minħabba li jkun qed jintuża għadd akbar ta' oġġetti elettriċi.

¹⁶

Il-kostijiet tan-netwerk tal-konsumaturi industrijali. Għall-unitajiet domestiċi, il-firxa hija minn 2,2 ċenteżmi/kWh (MT) sa 9,7 ċenteżmi/kWh (ES).

Fis-settur tal-unitajiet domestiċi, kien hemm titjib sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika fl-użi kollha tal-enerġija, iżda dan it-titjib kien forsi l-aktar viżibbli fit-tiġn tal-unitajiet domestiċi:

Tendenza fil-konsum tal-enerġija għat-tiġn tal-unitajiet domestiċi (koe/ m²).




SORS: Odyssee

B'mod ġenerali, il-konsum domestiku tal-elettriku naqas b'1 % fil-perjodu 2008-2011 u l-konsum tal-gass bi 15 %. Minkejja dan, il-kostijiet tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi żdiedu, pereżempju minħabba li r-rati baxxi ta' rinnovazzjonijiet ta' unitajiet domestiċi ineffiċjenti, u r-rati ta' sostituzzjoni ta' tagħmir ineffiċjenti ma kinux biżżejjed biex ipattu għall-prezzijiet li dejjem qed jiżdiedu. Id-dejta miġbura mill-Istati Membri kollha turi li s-sehem tal-enerġija tal-konsum tal-unitajiet domestiċi¹⁷ żdied bi 15 % matul il-perjodu 2008-2012, minn 5.6 % għal 6.4 % tal-konsum totali. Billi l-kostijiet tal-enerġija ta' spiss jiffurmaw il-biċċa l-kbira mill-kostijiet tal-unitajiet domestiċi foqra, din iż-żieda kellha konsegwenzi negattivi ta' distribuzzjoni ulterjuri għall-unitajiet domestiċi "vulnerabbli".

¹⁷

Hekk kif imkejjel bl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsum.



Sors: Eurostat

Matul il-perjodu 2008-2011, it-titjib kontinwu fl-industrija Ewropea tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fil-produzzjoni minħabba l-kriżi ekonomika u l-kompetizzjoni internazzjonali wasslet għal tnaqqis fil-konsum tal-elettriku ta' 4 %. Madankollu, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-elettriku kienu oġġa minn dan it-titjib u kkawżaw żidiet fil-kostijiet ta' madwar 4 % għall-industrija b'mod ġenerali, qabel ma jitqiesu l-eżenzjonijiet tat-taxxi u l-imposti. B'kuntrast ma' dan, fir-rigward tal-gass, li għalih il-konsum industrijali naqas b'5.3 %, fil-perjodu mill-2008 sal-2011, il-kostijiet naqsu b'6.8 % b'mod ġenerali.


L-industrija Ewropea tgawdi pożizzjoni minn ta' quddiem fuq livell dinji fl-effiċjenza. Madankollu, għad hemm potenzjal għal aktar miżuri ta' effiċjenza (parzjalment għaddejjin diġà permezz tal-implimentazzjoni tal-UE tad-Direttiva l-għdida dwar l-effiċjenza enerġetika u t-titjib kontinwu fil-prodotti tal-enerġija), b'mod partikolari minħabba d-differenzi kbar fost u fi ħdan l-Istati Membri. L-aċċess għal dejta standardizzata dwar il-kostijiet tal-enerġija mhuwiex faċli. Iċ-ċifri disponibbli jissuġġerixxu firxa ta' prestazzjoni diverġenti ħafna meta wieħed iħares lejn is-sehem tal-kostijiet tal-enerġija fil-kostijiet tal-produzzjoni. Għal din ir-raġuni huwa utli li nħarsu fid-dettall lejn industriji intensivi fl-enerġija, inkluż fis-setturi tal-manifattura bħas-setturi tal-karti u tal-istampar, tal-prodotti kimiċi, tal-minerali mhux metalliċi, tal-ħadid u l-ażżar u l-metalli li ma fihomx ħadid, li kollha għandhom sehem għoli mill-kostijiet tal-enerġija meta mqabbla mal-kostijiet ta' produzzjoni. Il-kumpaniji tal-UE li jieħdu sehem f'każijiet ta' studju fil-fond dwar is-setturi li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija rrapportaw li bejn l-2010 u l-2012, il-prezzijiet tagħhom tal-elettriku u tal-gass wara l-eżenzjonijiet kienu qed jiżiedu.

Is-sehem tal-kostijiet tal-enerġija fil-kostijiet ta' produzzjoni f'industriji intensivi fl-enerġija

(Il-linji differenti jirrappreżentaw is-subsetturi¹⁸, bil-valuri minimi u massimi tal-Istati Membri, u l-medji tal-UE, 2010)

¹⁸

Ara r-rapport, Figura 90.



Sors: Eurostat, Structural Business Statistics

3. L-enerġija u l-kompetittività internazzjonali tal-Ewropa

Filwaqt li fl-Ewropa, l-enerġija qatt ma kienet disponibbli bi prezz baxx, f'dawn l-aħħar snin id-differenza fil-prezzijiet tal-enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u l-imsieħba ekonomiċi prinċipali żdiedet iktar: fuq medja, il-prezzijiet tal-industrija tal-gass tal-UE issa huma tlieta jew erba' darbiet iktar għoljin meta mqabbla mal-prezzijiet tal-Istati Uniti, tal-Indja u tar-Russja, 12% iktar miċ-Ċina, komparabbli ma' dawk tal-Brażil u inqas minn dawk tal-Ġappun.

Il-prezzijiet reġjonali orħos li rriżultaw, pereżempju, minn tkattir fl-użu tal-gass tax-shale fl-Istati Uniti u minn żieda progressiva fil-kummerċ tal-LNG, għadhom ma ssarrfux fi prezzijiet orħos fis-suq Ewropew. Dan huwa minħabba s-sussidji domestiċi f'ċerti pajjiżi produttori, ir-restrizzjonijiet kummerċjali u/jew il-limitazzjonijiet infrastrutturali u l-effetti tal-indiċjar taż-żejt. Barra minn hekk, id-domanda fl-Ażja, partikolarment mill-Ġappun wara l-aċċident nukleari ta' Fukushima, ukoll kabbret id-differenza bejn il-prezzijiet tal-Istati Uniti u tal-UE.

Fir-rigward tal-elettriku, il-prezzijiet tal-operaturi fl-Ewropa naqsu matul dan il-perjodu, huma relattivament baxxi u huma ta' livell pjuttost komparabbli mal-prezzijiet tal-elettriku għall-operaturi fl-Istati Uniti. Madankollu, bir-rati tal-kambju kurrenti, il-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumatur industrijali tal-UE¹⁹ huma aktar minn darbtejn dawk tal-Istati Uniti u tar-Russja, 20 % aktar minn dawk taċ-Ċina iżda 20 % inqas minn dawk tal-Ġappun. Hawnhekk ukoll, il-prezzijiet orħos tal-gass Russu jew Amerikan (u sussegwentement il-prezzijiet orħos tal-faħam) għenu biex jitbaxxew il-prezzijiet tal-elettriku f'dawk il-pajjiżi. Madankollu, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-provvista tal-elettriku (ibbażata fuq interruzzjonijiet/varjazzjonijiet) hija aktar affidabbli minn dik tal-Istati Uniti, tal-Ġappun,

¹⁹ Mingħajr ma jitqiesu l-eżenzjonijiet tat-taxxi jew tal-imposti għal industriji intensivi fl-enerġija, filwaqt li jiġu nnutati d-diffikultajiet li tinstab dejta internazzjonali komparabbli dwar il-prezzijiet tal-elettriku.

taċ-Ċina u tar-Russja²⁰. Dawn l-interruzzjonijiet ukoll jissarrfu f'kostijiet. Id-dejta internazzjonali dwar il-kostijiet tan-netwerk mhijiex disponibbli minnufih biex tivvalida l-ipoteżi li n-netwerks tal-UE huma iktar għaljin imma aktar affidabbli minn imkien ieħor fid-dinja. Id-dejta dwar it-tassazzjoni hi kemxejn aktar disponibbli u turi li t-tassazzjoni tal-gass u l-elettriku tal-UE hija, bħala medja, ogħla milli f'reġjuni oħrajn tad-dinja.

Biex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-kompetittività industrijali ta' din id-differenza fil-prezzijiet tal-enerġija li dejjem qed tikber, fundamentalment hemm żewġ fatturi li jridu jitqiesu: l-esportazzjonijiet u l-produzzjoni Ewropea minn kumpaniji intensivi fl-enerġija.

- Oġġetti li jikkunsmaw ħafna enerġija fl-UE għadhom jiddominaw is-swieq tal-**esportazzjoni** globali minkejja id-differenzi li dejjem qed jikbru fil-prezzijiet tal-enerġija mill-2008. Iżda f'dawn l-aħħar snin, l-UE naqqset b'mod sinifikanti l-intensità enerġetika tal-esportazzjonijiet tagħha, filwaqt li l-ekonomiji emerġenti bħall-Brażil, ir-Russja u ċ-Ċina qed isiru sorsi dejjem aktar importanti tal-komponenti *intermedji* tal-enerġija intensiva. Skont l-AIE²¹, id-diskrepanza li dejjem qed tiżdied fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet fl-UE u reġjuni oħra mistennija li tnaqqas is-sehem tal-UE fis-swieq globali tal-esportazzjoni għal oġġetti li jikkunsmaw ħafna enerġija.
- **Il-livelli ta' produzzjoni** fl-industriji intensivi fl-enerġija naqsu mill-2008 'l hawn, u s-sehem ġenerali tal-industriji intensivi fl-enerġija tal-PDG Ewropew qed jonqos²². F'dan l-istadju, madankollu, mhuwiex possibbli li dan jiġi attribwit lill-prezzijiet tal-enerġija waħedhom, billi l-eżenzjonijiet tal-imposti u tat-taxxi għal industriji intensivi fl-enerġija, ir-reċessjoni, il-bidliet strutturali fl-ekonomija dinjija u ċ-ċaqliq fid-domanda globali korrispondenti tal-konsumatur ukoll huma fatturi importanti. Għal għexieren ta' snin, il-manifattura fl-UE fil-fatt kienet qed tirristruttura ruħha bil-għan li tasal għal intensità enerġetika iktar baxxa u għal produzzjoni b'valur miżjud ogħla, u dan naqqas parzjalment il-prezzijiet tal-enerġija li kull ma jmur qed jiżdiedu. Barra minn hekk, kien hemm ħafna fatturi oħra inklużi, fosthom il-kostijiet tal-impjiegi u l-attrazzjoni tas-swieq lil hinn mill-UE, li jixprunaw l-investiment f'dawk is-swieq.

Hemm rabta bejn dawn iż-żewġ dimensjonijiet. F'dawn l-aħħar snin, ċerti industriji Ewropej b'konsum intensiv ta' enerġija daru għas-swieq globali biex jikkumpensaw għar-reċessjoni u għat-tnaqqis fid-domanda fl-Ewropa li ġiet b'konsegwenza tagħha, permezz ta' esportazzjonijiet jew investimenti internazzjonali, anke fir-rigward tal-industriji lokali bħal dawk tal-brikks u l-madum tas-soqfa. Bħala tali, dawn huma aktar soġġetti għall-kompetizzjoni internazzjonali, u għandhom jiddeċiedu jekk jinvestux fl-Ewropa jew barra, f'pajjiżi b'dinamika tas-suq ħafna aktar promettenti. Minħabba li kompetituri f'pajjiżi oħra qed jippruvaw itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom, id-differenzi fil-prezzijiet tal-enerġija qed jinfluwenzaw iktar fuq id-deċiżjonijiet tal-investiment u fuq il-kapaċità tal-kumpaniji sabiex jikkompetu u jżviluppaw.

²⁰ Ara l-Kapitolu 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

²¹ IEA WEO 2013, Fig. 8.17

²² Il-valur gross miżjud (2008-2011) u l-indiċi ta' volumi ta' produzzjoni (2008-2012) għall-karti u l-istampar, il-kimiċi, prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn (inklużi l-materjali tal-bini, il-ħġieġ, iċ-ċeramika), metalli bażiċi (inkl. tal-ħadid u l-azzar), u metalli li ma fihomx ħadid (l-aluminju).

4. It-tendenzi futuri tal-prezzijiet u l-kostijiet

Il-qafas tal-Kummissjoni 2030 dwar il-politiki tal-enerġija u l-klima jirrifletti firxa wiesgħa ta' ħidma biex tifhem l-aspettattivi futuri tal-kostijiet tal-enerġija u tal-prezzijiet finali, filwaqt li titqies id-dinamika tas-swieq globali u Ewropej, il-politiki governattivi u l-imġiba tal-konsumaturi u tal-industrija. L-analiżi tal-Kummissjoni tikkonferma s-sejbiet tal-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050 li l-prezzijiet tal-karburanti fossili huma mistennija li jkomplu jiżdiedu u jixprunaw il-kostijiet tal-enerġija. Speċjalment għall-elettriku, il-kostijiet x'aktarx li se jiżdiedu sal-2020 minħabba f'żieda fil-kostijiet tal-karburanti fossili flimkien mal-investiment meħtieġ fl-infrastruttura u fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni. Wara l-2020, il-kostijiet huma mistennija li jistabbilizzaw u mbagħad jonqsu f'tit minħabba li l-karburanti fossili jiġu sostitwiti b'enerġija rinnovabbli. Madankollu, il-kostijiet kapitali għandhom jonqsu biss bi f'tit. filwaqt li l-ħlasijiet tat-taxxi/tal-irkant tal-ETS għandhom jiżdiedu.

5. Konklużjonijiet: azzjonijiet biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija

Meta wieħed iħares lejn it-tendenzi fil-prezzijiet tal-enerġija mill-2008, jista' jislet il-konklużjonijiet ewlenin li ġejjin:

Il-prezzijiet tal-elettriku, iżda aktar importanti minn hekk, il-kostijiet, komplew jiżdiedu b'mod ġenerali kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-industrija, minkejja li l-livelli ta' konsum waqgħu jew baqgħu stabbli. Il-prezzijiet tal-gass varjaw iżda ma żdidux b'mod sinifikanti matul il-perjodu 2008-2012;

Din iż-żieda fil-prezzijiet hija xprunata prinċipalment minn żidiet f'taxxi/imposti u mill-kostijiet tan-networks. L-evoluzzjoni tal-komponent tal-enerġija fil-prezzijiet kienet irregolari; f'pajjiżi b'penetrazzjoni għolja ta' enerġija mix-xemx u mir-riħ kien hemm pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-enerġija għall-operatur, iżda mhux f'oħrajn. Il-progress li sar fil-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija kellu impatt pożittiv billi ġie żgurat li l-prezzijiet tas-suq għall-operaturi kkonverġew fl-Ewropa kollha. Dan ma kienx il-każ fir-rigward tal-prezzijiet għall-konsumaturi, billi is-sistemi ta' distribuzzjoni tan-network, il-politiki nazzjonali mhux koordinati dwar l-enerġija u l-klima, ir-regolamenti tat-taxxi, tal-imposti u tat-tariffi tan-network huma differenti, u b'hekk jifframentaw is-suq intern.

It-tendenzi tal-UE jaħbu differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri u fost is-setturi tal-industrija. Dan juri nuqqasijiet fis-suq intern tal-enerġija, b'differenzi kbar bejn il-politiki tal-Istati Membri diversi fir-rigward tal-kostijiet tan-network u t-taxxi/l-imposti.

Kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass, id-differenzi fil-prezzijiet fir-rigward tal-kompetituri barranin (bl-eċċezzjonijiet ewlenin tal-Ġappun u l-Korea) qed jiżdiedu. It-tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-gass fl-Istati Uniti jikkontrasta mal-livell stabbli fl-Ewropa matul l-istess perjodu.

L-UE s'issa baqgħet minn ta' quddiem fl-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jikkunsmaw ħafna enerġija. Madankollu, l-isforzi min-naħa tal-industrija Ewropea biex tikkumpensa għall-kostijiet oġhla tal-enerġija permezz ta' titjib kostanti fl-effiċjenza enerġetika jeħtiġilhom li jiżdiedu, filwaqt li jitqiesu l-limiti fiżiċi, hekk kif il-kompetituri wkoll iżidu fl-effiċjenza tagħhom u hekk kif l-industrija Ewropea tiddeċiedi li tinvesti barra biex tqarreb iktar lejn is-swieq li qegħdin jespandu.

Hemm nuqqas serju ta' informazzjoni kredibbli, komparabbli u verifikabbli dwar ċerti aspetti tal-prezzijiet u l-kostijiet, b'mod partikolari fuq il-fatturi li jinfluwenzaw il-kostijiet tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, fuq l-impatt eżatt tal-enerġija fuq il-kostijiet fil-livell tal-faċilitajiet tal-produzzjoni u fuq il-livelli ta' tassazzjoni u sussidji, b'mod partikolari għall-industrija.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni temmen li huwa importanti li jinżamm l-impenn tagħna **għat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija** fl-2014 u għal aktar żvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija. Bis-saħħa tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-UE, l-industrija (partikolarment l-SMEs) u l-konsumaturi domestiċi diġà jistgħu jnaqqsu l-prezzijiet tagħhom billi jaqilbu għal reġimi ta' tariffi aħjar ma' fornituri eżistenti jew billi **jaqilbu** għal fornituri tal-enerġija orħos, meta jkun hemm biżżejjed fornituri biex dan jkun jista' jitwettaq. Għad hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex jiġi liberalizzat is-suq, biex jiżiedu l-investment u l-kompetizzjoni u biex jiġu ġenerati effiċjenzi li jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet. Fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira tal-unitajiet domestiċi Ewropej baqgħu nieqsa mill-aċċess għall-ipprezzar dinamiku u t-teknoloġija tal-metraġġ intelliġenti. Dan jillimita l-possibilità biex il-konsumaturi jikkontrollaw il-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni beħsiebha tniedi Komunikazzjoni dwar is-swieq għall-konsumaturi qabel is-sajf tal-2014.

Meta l-prezzijiet taż-żejt jkun *globali* (pereżempju ż-żejt u l-faħam) u diffiċli li jiġu influwenzati, il-politiki tal-UE ta' diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija u r-rotot ta' provvista, in-negożjati ma' sħab ewlenin tal-enerġija b'vuċi Ewropea waħda, u l-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika internazzjonalment, kollha jgħinu sabiex isaħħu l-inflwenza tal-UE. Barra minn hekk, iż-żieda tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika jgħinu biex titnaqqas l-importazzjoni tal-karburanti fossili.

Fir-rigward tal-komponent tat-taxxi u tal-imposti tal-prezzijiet ddeterminati mill-politiki tal-enerġija, li kien dak li kiber l-aktar f'dawn l-aħħar snin, huwa importanti li jkun hemm riflessjoni dwar il-valur ta' dawn il-miżuri u li jkun żgurat li **l-politiki ffinanzjati minn dawn il-miżuri jiġu applikati bl-iktar mod kosteffettiv**. Għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jirrevedu l-prattiki nazzjonali differenti u jsegu l-aħjar Prattika, inkluża l-gwida tal-Kummissjoni dwar l-interventi tal-gvern fis-settur tal-enerġija, biex jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Approċċ kosteffettiv għat-tibdil fil-klima 2030 u l-politika tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika se jkun kritiċi f'dan ir-rigward, bħal f'oqsma oħra ta' politika²³.

L-element tan-netwerk tal-prezzijiet kiber f'bosta Stati Membri, b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi, b'mod partikolari f'termini ta' kostijiet ta' distribuzzjoni. Dan jissuġġerixxi li jinħtieġ li jsir aktar xogħol biex jiġu stabbiliti **parametri referenzjarji għall-kostijiet u l-prattiki tan-netwerk** biex jiżguraw li l-konverġenza Ewropea fil-prattiki tan-netwerk ittejjeb l-effiċjenza tad-distribuzzjoni u tas-swieq għall-konsumaturi u b'hekk jitnaqqas l-element tal-kost tan-netwerk tal-prezzijiet.

Sabiex il-kostijiet tal-enerġija jinżammu taħt kontroll, l-unitajiet domestiċi u l-industrija fl-Ewropa jistgħu jtejb u l-effiċjenza enerġetika tagħhom u jadottaw **ir-reazzjoni għad-domanda tal-enerġija u teknoloġiji tal-enerġija ġodda u innovazzjonijiet oħra** biex jiffrankaw l-enerġija u l-flus. Il-kriżi finanzjarja u ekonomika kontinwa trendi t-trattar tal-faqar u/jew il-vulnerabbiltà enerġetika aktar importanti llum, billi ż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija qed jagħmlu l-ħajja iktar diffiċli għall-unitajiet domestiċi foqra. Għall-unitajiet domestiċi, it-trasferimenti fiskali jistgħu jitqiesu li jipprovdu protezzjoni, filwaqt li wieħed għandu jżomm f'moħħu li ġeneralment huwa aktar effiċjenti li tipproteġi tali konsumaturi vulnerabbli permezz ta' miżuri ta' politika soċjali (bħal trasferimenti fiskali) milli permezz tal-prezzijiet tal-enerġija.

Għall-industrija, l-UE għandha tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura ambjent ekwu għal prezzijiet tal-enerġija. B'mod partikolari, is-sussidji tal-enerġija lil industriji lokali u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni marbuta mal-oġġetti tal-enerġija għandhom jiġu indirizzati mas-sħab internazzjonali

23

Il-provi tal-kompetittività tal-politiki kollha tal-UE

tagħha, kemm b'mod bilaterali kif ukoll fil-livell tad-WTO. Dawn il-miżuri se jgħinu wkoll lill-industrija Ewropea biex ittejjeb il-kompetittività internazzjonali tagħha, minkejja żidiet riċenti fil-prezzijiet tal-enerġija relattivi tal-Ewropa u l-kost li dejjem qed jikber biex jitħallas dan l-investment neċessarju. Meta miżuri bħal dawn ma jkunux adegwati, **it-trasferimenti fiskali, l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fit-taxxi u fl-imposti jistgħu jkunu mezzi ta' protezzjoni għal ċerti konsumaturi industrijali** minn kostijiet oġġla tal-enerġija, sakemm dawn ikunu kompatibbli mar-regoli tal-ġhajjnuna mill-istat u mar-regoli interni tas-suq tal-enerġija. Il-linji gwida eżistenti dwar miżuri ta' ġhajjnuna mill-Istat fil-kuntest tal-ETS jippermettu l-ġhajjnuna tal-istat għall-impriżi f'ċerti setturi intensivi fl-enerġija biex jikkumpensaw għall-kostijiet tal-emissjonijiet indiretti tal-ETS. Barra minn hekk, it-test propost għal linji gwida riveduti dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fil-qasam tal-enerġija u l-ambjent (bħalissa f'konsultazzjoni pubblika) jipprevedi li l-Istati Membri jista' jkollhom ix-xewqa li jagħtu kumpens parzjali għal kostijiet addizzjonali għall-appoġġ finanzjarju tal-enerġija rinnovabbli sabiex jiffaċilitaw il-finanzjament ġenerali ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli u biex jiġi evitat ir-rilaxx tal-karbonju. Dan huwa partikolarment rilevanti għal industriji intensivi fl-enerġija. Madankollu, ta' min jiftakar li s-sussidji mmirati għandhom jiġu ffinanzjati minn konsumaturi oħra jew minn dawk li jħallu t-taxxi. Dawn inaqqsu wkoll l-inċentiv dirett għat-teħid ta' miżuri ta' effiċjenza u, billi huma ġeneralment applikati fuq livell nazzjonali, dawn ikomplu jfixxlu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq uniku fl-enerġija.

L-Ewropa għandha tikkonfronta l-isfidi tal-kostijiet tal-enerġija tat-trasformazzjoni tal-enerġija permezz tal-isforzi tripartiti tal-UE, l-Istati Membri u l-unitajiet domestiċi u l-industrija Ewropej. Permezz ta' sistemi tal-enerġija flessibbli, konsumaturi reattivi, swieq kompetittivi u strumenti tal-gvern kosteffikaċi, l-Ewropa se tkun mgħammra aħjar biex trażżan iż-żidiet fil-prezzijiet, tħallas l-investimenti u timminimalizza ż-żidiet fil-kostijiet. L-Ewropa tista' għalhekk tagħti eżempju prattiku ta' kif tista' tinbena ekonomija kompetittiva fuq sistema ta' enerġija sostenibbli u affordabbli.